# Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja ta' Ħaż-Żabbar



Mario Fenech



Il-Knisja Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar hija waħda mill-knejjes li fihom wieħed jiltaqa' ma' numru ta' kwadri ta' livell artistiku importanti b'tema Marjana.

Wieħed minn dawn il-kwadri huwa dak li hemm fuq l-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Dan huwa xogħol tal-artist magħruf Francesco Zahra li għex bejn is-sena 1710 u s-sena 1773. F'dan il-kwadru x-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu narawha fil-għoli bil-qegħda fuq tron u mdawwra b' numru ta' angli f' daħla fit-tond u bil-kolonni. F' ħogorha fuq in-naħa tal-lemin tagħha ċ-ċkejken Ġesu fil-waqt li fuq in-naħa tax-xellug, għarkubbtejh fl-art San Xmun Stock qiegħed jirċievi l-Labtu Mqaddes minn idejn il-Madonna. L-isfel fit-tila, fuq in-naħa tal-lemin, tidher ix-xbieha ta' San Nikola ta' Bari li wkoll qiegħed għarkubbtejh fil-waqt li qieghed iħares 'il fuq lejn dak li qieghed iseħħ quddiemu. Ix-xbieha ta' San Nikola ġiet inkluża f'dan il-kwadru għall-fatt li fir-raħal ta' Ħaż-Żabbar kien hemm minn dejjem xi forma ta' devozzjoni lejn dan il-qaddis. Tant hu hekk li nafu li kien hemm ukoll Knisja żgħira ddedikata lil San Nikola fil-limiti tar-raħal, li skond ir-rapport tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Molina kienet ġiet ipprofanata fil-25 ta` Marzu 1676 u wara li din kienet ġiet irranġata ħareġ id-Digriet biex din terġa tinfetaħ mill-ġdid.

Dan il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu huwa t-tieni wieħed li sar għal din il-knisja. Hemm kwadru ieħor tal-Madonna tal-Karmnu li għamel l-artist Mattia Preti. Dan fil-prezent jinsab fil-Mużew tal-Knisja.

Jidher li l-Kult Karmelitan f'Ħaż-Żabbar xorta waħda baqà ħaj għalkemm dan is-Santwarju huwa taħt il-ħarsien tal-Madonna tal-Grazzja.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULLLHADD